

31990R0737

29.3.1990

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 82/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (EEC) Nru 737/90**tat-22 ta' Marzu 1990****dwar il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti agricoli li joriġinaw minn pajjiżi terzi wara l-inċident tal-istazzjon tal-enerġija nukleari ta' Chernobyl**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunita Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkonsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi, wara l-inċident fl-istazzjon tal-enerġija nukleari ta' Chernobyl fis-26 t'April 1986, kwantitajiet konsiderevoli ta' elementi radjoattivi ġew rilaxxati fl-atmosfera;

Billi r-Regolament 3955/87 ⁽¹⁾, kif emendat bir-Regolament 4003/89 ⁽²⁾, stabilixxa l-livelli massimi ta' radjoattività permessi għall-prodotti agricoli li joriġinaw f'pajjiżi terzi u maħsuba għall-konsum mill-bniedem li magħhom għandhom jikkonformaw l-importazzjonijiet tal-prodotti interessati u li b'konnessjoni magħhom jitwettqu l-verifiki mill-Istati Membri; billi dan ir-Regolament japplika biss sal-31 ta' Marzu 1990;

Billi, mingħajr preġudizzju għall-possibilità li, fejn ikun meħtieġ, wieħed jinqed, fil-futur, bid-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (*Euratom*) Nru 3954/87 tat-22 ta' Diċembru 1987 li jstabilixxi l-livelli massimi ta' radjoattività permessi għall-oġġetti tal-ikel u għall-ġhalf wara inċident nukleari jew f'kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika ⁽³⁾, kif emendat bir-Regolament (*Euratom*) Nru 2218/89 ⁽⁴⁾, il-Komunita għandha tissokta tassigura, rigward l-effetti speċifiċi tal-inċident ta' Chernobyl, li l-prodotti agricoli u l-prodotti agricoli proċesati maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li x'aktarx ikunu kontaminati jiġu mdaħħla fil-Komunita biss skond arranġamenti komuni;

Billi dawn l-arranġamenti komuni għandhom jissalvagwradaw is-saħħa tal-konsumaturi, għandhom iżommu, mingħajr ma jkollhom effetti ħżiena fuq il-kummerċ bejn il-Komunita u pajjiżi terzi, in-natura unifikata tas-suq u biex jipprevjenu t-tagħwiġ fil-kummerċ;

Billi r-raġunijiet prevalenti meta kien addottat ir-Regolament (KEE) Nru 3955/87 għadhom validi, b'mod partikolari minħabba l-fatt li l-kontaminazzjoni radjoattiva f'ċerti prodotti agricoli li

joriġinaw f'pajjiżi terzi affettwati bl-inċident għadha taqbeż il-livelli massimi permessi tar-radjoattività stabbilita b'dan ir-Regolament;

Billi l-konformita mal-livelli massimi permessi għandha tkun is-suġġett ta' kontrolli xierqa, li jistgħu jwasslu għall-projbizzjoni tal-importazzjonijiet fil-każi ta' nuqqas ta' konformita;

Billi l-kontaminazzjoni radjoattiva f'ħafna prodotti agricoli naqset u trid tissokta tonqos għall-livelli li kienu jeżistu qabel l-inċident ta' Chernobyl; billi għalhekk għandha tiġi stabbilita proċedura sabiex tagħti l-poter illi jiġu esklużi dawn il-prodotti mill-iskop tar-Regolament imsemmi hawn fuq;

Billi, għaladarba dan ir-Regolament ikopri l-prodotti agricoli kollha u l-prodotti agricoli pproċessati maħsuba għall-konsum mill-bniedem, ma hemmx b'żonn, fil-każ preżenti, li tiġi applikata l-proċedura provvduta f'Artikolu 29 tad-Direttiva 72/462/KEE ⁽⁵⁾;

Billi, sabiex jiġu ċċarati jew aġġustati, kif meħtieġ, il-miżuri provvduti f'dan ir-Regolament, għandha tiġi stabbilita proċedura simplifikata,

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Bl-eċċezzjoni tal-prodotti li ma jkunux tajba għall-konsum mill-bniedem li huma elenkati f'Anness I u daww il-prodotti li jistgħu jiġu esklużi mill-iskop ta' dan ir-Regolament skond il-proċedura stabbilita b'Artikolu 7, dan ir-Regolament għandu japplika għall-prodotti li joriġinaw f'pajjiżi terzi koperti bi:

- Anness II ta' mat-Trattat,
- ir-Regolament tal-Kunsill (EEC) Nru 2730/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar il-glukosi u l-lattosi ⁽⁶⁾, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 222/88 ⁽⁷⁾,

⁽¹⁾ ĠU L 371, tat-30.12.1987, p. 14.⁽²⁾ ĠU L 382, tat-30.12.1989, p. 4.⁽³⁾ ĠU L 371, tat-30.12.1987, p. 11.⁽⁴⁾ ĠU L 211, tas-27.7.1989, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28.⁽⁶⁾ ĠU L 281, tal-1.11.1975, p. 20.⁽⁷⁾ ĠU L 28, tal-1.2.1988, p. 1.

- ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2783/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar is-sistema komuni tal-kummerċ għall-ovalbumina u l-lattalbumina ⁽¹⁾, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 4001/87 ⁽²⁾,
- ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3033/80 tal-11 ta' Novembru 1980 li jstabilixxi l-arranġamenti kummerċjali li japplikaw għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agricoli ⁽³⁾, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3743/87 ⁽⁴⁾,
- ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3035/80 tal-11 ta' Novembru 1980 li jstabilixxi r-regoli ġenerali għall-għoti tar-rifondi tal-esportazzjoni fuq ċerti prodotti agricoli esportati fil-ġhamla ta' oġġetti mhux koperti b'Anness II ta' mat-Trattat, u l-kriterji sabiex jiġi ffixat l-ammont ta' dawn ir-rifondi ⁽⁵⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3209/88 ⁽⁶⁾.

Artikolu 2

Mingħajr preġudizju għad- dispożizzjonijiet l-oħra eżistenti, ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-prodotti riferiti f'Artikolu 1 għandhom ikunu bla ħsara dwar il-konformità mal-livelli massimi permessi stabbiliti b'Artikolu 3.

Artikolu 3

Il-livelli massimi permessi riferiti f'Artikolu 2 għandhom ikunu kif ġej:

il-livell massimu ta' radjoattività akkumulat f'termini ta' *caesium* — 134 u - 137 għandu jkun ta':

- 370 Bq/kg għall-ħalib u l-prodotti mill-ħalib elenkati f'Anness II u għall-oġġetti tal-ikel maħsuba għall-ikel speċjali tat-trabi matul l-ewwel erba' xhur sas-sitt xahar tal-ħajja, li jilhq, fihom infushom, il-ħtiġijiet nutrittivi ta' din il-kategorija ta' persuni u li jinħarġu għall-bejgħ bl-imnut f'pakketti li jkunu identifikabbli biċ-ċar u bit-tikketta "tħejjija ta' ikel għat-trabi" ⁽⁷⁾,
- 600 Bq/kg għall-prodotti l-oħra kollha interessati.

⁽¹⁾ ĠU L 282, tal-1.11.1975, p. 104.

⁽²⁾ ĠU L 377, tal-31.12.1987, p. 44.

⁽³⁾ ĠU L 323, tad-29.11.1980, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 352, tal-15.12.1987, p. 29.

⁽⁵⁾ ĠU L 323, tad-29.11.1980, p. 27.

⁽⁶⁾ ĠU L 286, tal-20.10.1988, p. 6.

⁽⁷⁾ Il-livell li japplika għall-prodotti li jridu jiġu kkonċentrati jew imnixxa għandhom jiġu kalkolati fuq il-bażi tal-prodott rikonstitwit bħala lest għall-konsum.

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom jikkontrollaw il-konformità mal-livelli massimi permessi stabbiliti b'Artikolu 3 rigward il-prodotti riferiti f'Artikolu 1, billi jitqiesu l-livelli ta' kontaminazzjoni fil-pajjiż tal-oriġini. Il-kontroll jista' jinkludi wkoll il-preżentazzjoni ta' ċertifikati tal-esportazzjoni. Skond ir-riżultati tal-kontrolli mwettqa, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiġi applikat Artikolu 2, inkluża l-projbizzjoni tar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa, filwaqt li jieħdu kull każ individwalment jew b'mod ġenerali għal prodott imsemmi.

2. Kull wieħed mill-Istati Membri għandu jipprovi lill-Kummissjoni bit-tagħrif kollu li jirrigwra l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, notabbilment dawk il-każi ta' nuqqas ta' konformità mal-livelli massimi permessi. Il-Kummissjoni għandha tiċċirkola dan it-tagħrif lill-Istati Membri l-oħra.

Artikolu 5

Fil-każi fejn ikun hemm nuqqas ripetut ta' konformità mal-livelli massimi permessi, jistgħu jittieħdu l-miżuri meħtieġa skond il-proċedura stabbilita b'Artikolu 7. Dawn il-miżuri jistgħu saħansitra jinkludu l-projbizzjoni tal-importazzjoni tal-prodotti li joriġinaw fil-pajjiżi terzi interessati.

Artikolu 6

L-arranġamenti sabiex jiġi applikat dan ir-Regolament, kull emenda li trid issir għall-prodotti f'Anness I, u l-lista tal-prodotti esklużi minn dan ir-Regolament għandhom jiġu addottati skond il-proċedura stabbilita b'Artikolu 7.

Artikolu 7

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna minn Kumitat *ad hoc* kompost mir-rappreżentanti tal-Istati Membri u ppresedut mir-rappreżentant tal-Kummissjoni.

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li jridu jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz fil-limitu taż-żmien li l-President jista' jstabilixxi skond l-urġenza tal-każ. L-opinjoni għandha tiġi mġhotija bil-maġġoranza stabbilita b'Artikolu 148(2) tat-Trattat fil-każ tad- deċiżjonijiet li l-Kunsill ikun meħtieġ li jaddotta fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti tal-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat għandhom ikunu peżati fil-manjera stabbilita b'dan l-Artikolu. Il-President m'għandux jivvota.

3. Il-Kummissjoni għandha taddotta l-miżuri li għandhom japplikaw fil-pront.

Madankollu, jekk il-miżuri ma jkunux skond l-opinjoni tal-Kumitat, dawn għandhom jiġu mgħarrfa mill-Kummissjoni lill-Kunsill mill-ewwel. F'dan il-każ:

- il-Kummissjoni tista' tiddifferixxi l-applikazzjoni tal-miżuri li hi tkun iddeċidiet għal perijodu taż-żmien ta' mhux aktar minn xahar mid-data ta' din il-komunikazzjoni,
- il-Kunsill, waqt jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni differenti fil-limitu taż-żmien riferit fl-ewwel inċiż.

Artikolu 8

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' April 1990.

Għandu jtemm fil-31 ta' Marzu 1995, sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix xorta oħra għal data aktar kmieni, b'mod partikolari jekk il-lista tal-prodotti li għandhom jiġu esklużi riferita fl-Artikolu 6 tkopri l-prodotti kollha li jkunu tajbin għall-konsum mill-bniedem li għalihom japplika dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Marzu 1990.

Għall-Kunsill

Il-President

P. FLYNN

ANNEX I

Il-Prodotti li mhumiex tajbin għall-konsum mill-bniedem

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
ex 0101 19 90	Żwiemel tat-tiġrija
ex 0106 00 99	Oħrajn (annimali ħajjin, esklużi fniek domestiċi u ħamien: li ma humiex tajbin għal konsum uman)
ex 03 01	ħut ħaj ornamental
0408 11 90, 0408 19 90, 0408 91 90	Bajd, mhux fil-qoxra, u isfar tal-bajd, li ma jkunux tajba għal konsum uman ^(a) ex
ex 0504	imsaren, bżieža q u stonki tal-animali li ma jittieklux (appri min ħut), sħiħ jew bċejjeċ minnu
0511 10 00, ex 0511 91 90, 0511 99 10, 0511 99 90	Prodotti mill-annimali li ma humiex speċifikati jew inklużi post ieħor, eskluż demm tal-annimali li jittiekel; annimali mejta ta' Kapitoli 1 jew Kapitoli 3, mhux tajba għal konsum uman
0713 20 10, 0713 31 10, 0713 32 10, 0713 33 10, 0713 31 10, 0713 32 10, 0713 39 10, 0713 40 10, 0713 50 10, 0713 90 10	ħxejjex legunini mqadda, maħruġa mill-fosdqa, sew jekk imqaxxa jew le, jew maqsuma, għaż-żriegħ
1001 90 10	Spelt xorta ta' qamħ għaż-żriegħ ^(a)
1005 10 11, 1005 10 13, 1005 10 15, 1005 10 19	Qamħirrum ibridu għaż-żriegħ ^(a)
1006 10 10	Ross għaż-żriegħ ^(a)
ex 1007 00 00	Sorgu ibridu għaż-żriegħ ^(a)
1201 00 10, 1202 10 10, 1204 00 10, 1205 00 10, 1206 00 10, 1207 10 10, 1207 20 10, 1207 30 10, 1207 40 10, 1207 50 10, 1207 60 10, 1207 91 10, 1207 92 10, 1207 99 10	żrieragħ taż-żejt u frott oleoganejo, sħiħ jew imfarrak għaż-żriegħ ^(a)
1209 11 00, 1209 19 00, 1209 21 00, 1209 23 10, 1209 24 00, 1209 26 00, 1209 30 00, 1209 91, 1209 99	Żrieragħ, frott u spori, tat-tip użati għaż-żriegħ
1501 00 11	Sonza u xaħmijiet oħra tal-qżieqeż għal użu industrijali apparti milli għall-manifattura ta' oġġetti tal-ikel għal konsum uman ^(a)
1502 00 10	Sonza ta' annimali bovini, nagħaġ jew mogħoż, nej jew mahrum, seww jekk ippressat jew le jew estratt permezz ta' solventi, għal użu ndustrijali apparti minn għal manifattura ta' oġġetti tal-ikel għal konsum uman ^(a)

^(a) Dħul f'din is-subintestatura huwa suġġett għall-kondizzjonijiet esiġiti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Komunità

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
1503 00 11	Sonża stearin u oleostearin għal użu ndustrijali ^(a)
1503 00 30	Żejt tat-tallow (xaħam tad-dam) għal użu industrijali apparti milli għal manifattura ra "oġġetti tal-ikel għal konsum uman ^(a) "
1505 10	Xaħam tas-suf u sustanzi mxahma idderivati minnhom (inkluż il-lanolin)
1507 10 10, 1507 90 10	Żejt mill-ful tas-soya u l-frazzjonijiet tiegħu, seww jekk raffinat u anki jekk le; imma mhux kemikament madifikat, għal użu tekniku apparti minn għal manifattura ta' oġġetti tal-ikel għal konsum uman ^(a)
1508 10 10, 1508 90 10	Żejt minn Ġews mitħun u l-frazzjonijiet tiegħu, sew jekk raffinat u anku jekk le imma mhux kemikament raffinat, għal użu tekniku jew industrijali apparti mill għall-manifattura ta' oġġetti tal-ikel għal konsum uman ^(a)
1511 10 10	Żejt tal-palma krud u l-frazzjonijiet tiegħu, sew jekk raffinat u anki jekk le, imma mhux kemikament modifikat, għal użu tekniku jew industrijali apparti milli għal manifattura ta' oġġetti tal-ikel għal konsum uman ^(a)
1515 30 00	Żejt tal-kastru u l-frazzjonijiet tiegħu għal produzzjoni ta' aċidi aminoundecanoiċi għall-użu fil-manifattura ta' fibri sintetiċi jew ta' materjali plastiċi artifiċjali ^(a)
1515 40 00	Żejt tung jew il-frazzjonijiet tiegħu
1515 90 10	Żjut oiticica, xemgħa tar-riħan u xemgħa Ġappuniża; il-frazzjonijiet tagħhom
1511 90 91, 1512 11 90, 1512 19 10, 1512 19 90, 1512 21 10, 1512 29 10, 1513 11 10, 1513 19 30, 1513 21 11, 1513 21 19, 1513 29 30, 1514 10 10, 1514 90 10, 1515 11 00, 1515 19 10, 1515 21 10, 1515 29 10, 1515 50 11, 1515 50 91, 1515 90 21, 1515 90 31, 1515 90 40, 1515 90 60, 1516 20 91, 1516 20 99	Żjut oħra għall-użu tekniku jew industrijali apparti milli għall-manifattura ta' oġġetti tal-ikel għal konsum uman ^(a)
1518 00 31, 1518 00 39	Żjut veġitali għal stabilizzar, fluwidi, imħallta, għal użu tekniku jew industrijali apparti milli għal manifattura ta' oġġetti tal-ikel għal konsum uman ^(a)
2207 20 00	Ethyl alkoħol u spirti oħra; denaturati, ta' kull qawwa
3823 10 00	Għaqqada mħejjija għal forom tal-funderija jew għal partijiet minnhom
4501	Sufra naturali, nejja jew sempliċement imħejjija; Ħela tas-sufra; Sufra mgħaffġa, mfarrka, jew magħmula trab
5301 10 00, 5301 21 00, 5301 29 00	Kittien, nej jew ipproċessat imma mhux minsuġ
5302	Qanneb veru (Cannabis sativa L.), nej jew ipproċessat imma mhux minsuġ; Stoppa u ħela ta' qanneb veru (inkluzja ħela tal-ħjut u stoppa mahluġa)
ex Kapitolu 6	Siġar ħajjin u pjanti oħra; basal, għeruq u simili, fjuri maqtuha u ħxejjex ornamenti, esklużi pjanti u għeruq taċ-ċikwejra tas-sub-interstatura 0601 20 10

^(a) Dħul f'din is-subintestatura huwa suġġett għall-kondizzjonijiet esiġiti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Komunità

ANNEX II

Il-Ħalib u l-prodotti mill-ħalib li għalihom japplika l-livell massimu permess ta' 370 Bq/kg

Kodiċi tan-NK 0401
0402
0403 10 11 sa 39
0403 90 11 sa 69
0404
